MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 14 (IT-TIENI PARTI)

10 ta' Ġunju 2020

Minuti tat-tieni parti tas-seduta Nru. 14 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar l-Erbgħa 10 ta' Ġunju 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu permezz ta' Skype, bl-eċċezzjoni tal-Kunsillier G. Micallef li permezz ta' imejl datat 10 ta' Ġunju 2020 għarraf li ma setax isegwi minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet irrekordjata.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Peress li din kienet kontinwazzjoni ta' seduta ma ġewx ippreżentati minuti tal-ewwel parti tagħha.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1.2. Billi ma ġew imressqa minuti tal-ewwel parti tas-seduta, ma kienx hemm materji mqajma minnhom.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1.1. Ma saru ebda mistoqsijiet.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- Stqarrijiet Finanzjarji tal-Kunsill 2019 wara l-verifika

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

5.1. Il-korrispondenza kollha tressqet fl-ewwel parti tas-seduta.

**6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella illi tgħid:**

***Billi l-udituri talbu li jsiru aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2019 li diġa ġew approvati mill-Kunsill fis-seduta Nru. 10 tal-11 ta' Frar 2020; u***

***Billi t-tibdil li sar fl-Istqarrijiet Finanzjarji oriġinali għas-Sena 2019, ġew spjegati fid-dettal permezz ta' skeda li ġiet mgħoddija mill-istess udituri;***

***Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Uditur Generali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".***
**(F/1/2/Vol VIII)**

6.2. Is-Seduta ġiet sospiża sabiex sar intervent mill-*Accountant* inkarigat mill-Kunsill – is-Sur D. Galea – li spjega l-aġġustamenti mitluba l-udituri.

6.3. Is-Sur Galea qal li l-aktar tibdil materjali li rrakkomandaw l-udituri fl-istqarrijiet approvati mill-Kunsill fis-Seduta Nru. 10 tal-11 ta' Frar 2020, kien jinvolvi

- Id-diprezzament fuq il-fażi inizjali tax-xogħlijiet li saru fuq il-Park tal-Familja, li skont l-udituri dan kellu jiddiprezza b'rata aktar qawwija minn dik li ġiet applikata għal diversi snin;

- Ir-rifużżjoni li tingħata mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fuq it-*tipping fees* li jitħallsu lill-Wasteserv (Malta) Ltd, li fis-snin preċedenti kienu jiġu murija fil-kotba bħala dħul għall-istess sena. L-udituri attwali qed jinsistu li dawn jiġu murija bħala dħul fis-sena ta' wara.

6.4. Ġie spjegat li dawn il-fatturi affettwaw l-*Comprehensive Income*, hekk li rriżulta defiċit għall-2019 ta' €167,617. Is-Sur Galea spjega qal li effettivament dan ma jaffettwax il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, għaliex jirriżulta l-flus disponibbli fil-banek telgħu b'€24,977 għal €1,116,304.

6.5. Wara l-irtirar tal-*accountant*, tkompliet is-seduta. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-Kunsillieri preżenti, mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fis-18.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 30 ta' Gunju 2020 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |